**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

Is-7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 87/2018

1 ta' Awissu, 2018

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
Ivan Agius – Vici-Sindku
Antonia Perini - Kunsilliera

**SKUZAT:**
James Cauchi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

## Minuti

### 87.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

87.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-Kunsillier James Cauchi kien baghat e-mail li permezz tieghu kien talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jiggustifika n-nuqqas tieghu mis-seduta minhabba ragunijiet personali. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tas-Sur Cauchi mis-seduta kellu jigu meqjus bhala gustifikat.

### 87.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

87.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 86 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

87.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Alison Zerafa ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

87.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

### 87.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

87.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konferenza ghall-istampa li matulha kien gie ffirmat ftehim mal-amministraturi ta' blokok ta' abitazzjonijiet li kienu ser jibbenefikaw minn skema tal-awtorita' tad-djar.

87.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kienet qieghda tahdem sabiex fil-lokalita' jigu imwahhla zewg tabelli li jindikaw illi individwu ikun dahal fil-konfini ta' Bormla

87.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej b'ritmu mghaggel ezercizzju li kien beda l-Kunsill Lokali li permezz tieghu numru ta' turgien u sqaqien kienu qieghdin jinhaslu permezz ta' power wash.

87.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'laqgha li kellha mal-Perit William Lewis rigward patching fi Triq il-Gendus, Culvert fi Triq il-Polverista u playing field fi Triq il-Mithna.

87.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet mal-Perm. Sec. tal-Ministeru ghall-Ekonomija, Investiment u Negozju rigward progett ta' pixxina li kien ser ikun qieghed jigi implimentat fil-lokalita', liema progett kien ser ikun qieghed jaffettwa l-operat tas-suq fil-berah li kien jopera mil-lokalita'.

87.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienu mexjin b'ritmu tajjeb il-preparamenti ghall-Cospicua Short Play Festival liema attivita' kienet ser tkun qieghda tigi diskussa aktar tard waqt l-istess seduta. 4

87.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu qieghdin isiru d-diskussjonijiet mehtiega bil-ghan illi kemm il-darba ikun possibbli, tigi implimentata proposta ghal *community gardens* li kien ircieva l-Kunsill Lokali.

87.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali li wara li kienet iddiskutiet mal-Kunsill Lokali kienet qieghda tevalwa l-possibilita' illi jitwahhlu zewg tabelli indikativi fi Triq Santa Tereza u Triq il-Kottonera.

## 87.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

87.4.1 Ma kienx hemm.

F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta is-Sa. Noyah Spiteri (6:10p.m.)

## 87.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

87.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru07/18) ghall-approvazzjoni.

87.5.2 Fuq proposta tas-Sur Pablo Cachia Belli ssekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

87.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Gunju 2018 ghall-approvazzjoni.

87.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondat mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

## 87.6 Sejhiet ghall-offerti

87.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bl-istimi li kien ircieva l-Kunsill Lokali minghand it-tliet evalwaturi identifikati mill-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi t-tliet stimi kellhom jigu accettati.

87.6.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghas-

servizz ta' contract manager li l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni li johrog, kien jinhtieg li jigu assocjati *opening staff* u evalwaturi. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-*opening staff* relatat mas-sejha ghal-offerti kellu jkun kompost mis-Sinjuri Lydon Vella u Brian Loffreda filwaqt li s-Sinjuri Noyah Spiteri, Pablo Cachia Belli u Antonia Perini kellhom jigu mahtura bhala evalwaturi ghall-istess sejha ghall-offerti.

87.6.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghas-servizz ta' Accountant li l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni li johrog, kien jinhtieg li jigu assocjati *opening staff* u evalwaturi. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-*opening staff* relatat mas-sejha ghal-offerti kellu jkun kompost mis-Sinjuri Lydon Vella u Brian Loffreda filwaqt li s-Sinjuri Noyah Spiteri, Pablo Cachia Belli u Antonia Perini kellhom jigu mahtura bhala evalwaturi ghall-istess sejha ghall-offerti.

87.6.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti ghax-xiri ta' fanal li l-Kunsill Lokali kien ha d-decizjoni li johrog, kien jinhtieg li jigu assocjati *opening staff* u evalwaturi. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-*opening staff* relatat mas-sejha ghal-offerti kellu jkun kompost mis-Sinjuri Lydon Vella u Brian Loffreda filwaqt li s-Sinjuri Noyah Spiteri, Pablo Cachia Belli u Antonia Perini kellhom jigu mahtura bhala evalwaturi ghall-istess sejha ghall-offerti.

## 87.7 Mozzjonijiet

87.7.1 Ma kienx hemm

## 87.8 Attivitajiet

87.8.1 Is-Sindku stiednet lill-Kunsilliera Antonia Perini sabiex taghti rendikont dwar l-attivita' li kienet qieghda tipproponi li ttella' matul is-sena 2018. Wara li s-Sa. Perini spjegat il-kontenut tal-attivita', kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi kellhom jitkomplew il-preparamenti mehtiega.

87.8.2 Is-Sindku talbet lis-Sa. Noyah Spiteri taghti rendikont ta' attivita' li kienet qieghda tikkordina. Is-Sa. Spiteri infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-attivita' li kienet qieghda tikkordina kienet ser tkun qieghda tittella' nhar it-8 ta' Awissu 2018 u kienet tikkonsisti f'sessjoni ta' keep fit li kien qieghed jigi ppjanat illi tittella' fi Pjazza Santa Margerita.

87.8.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bil-preparamenti li kienu qieghdin isiru

b'konnessjoni mal-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-arrangamenti ghall-attivita' kienu mexjin hekk kif ippjanat. Hija sahqet kif apparti l-fondi li l-Kunsill Lokali kien qieghed ikun jibbenefika minnhom, il-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jalloka madwar €5000 ghall-Cospicua Short Play Festival. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wahda mill-produzzjonijiet li kienu ser ikunu qieghdin jittellghu kellha tema sensittiva u filwaqt li qassmet kopja tal-*iscript* tal-play stiednet lill-kunsilliera sabiex jaqrawh u jaghtu l-opinjoni taghhom. Wara li nqara l-*iscript,* kien hemm qbil unanimu bejn il-kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-tema u l-vokabularju uzat.

## 87.9 Rapporti

87.9.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'cirkulari SPI 10/2018 li kienet tikkoncerna restawr ta' postijiet u monumenti storici, liema skema l-Kunsilli Lokali tal-Kottonera ma setghux japplikaw ghaliha.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' arbitragg numru M5437/2018, liema kaz kien jikkoncerna incident li kien hemm fi Triq l-Inkoronazzjoni.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jsir reklam fil-publikazzjoni Lehen il-Banda San Gorg ghal spiza ta' €100.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi kienet intbaghtet korrispondenza lil Transport Malta li permezz taghha l-istess awtorita' giet infurmata li l-Kunsill Lokali kien jaqbel mal-iskema ta' traffiku proposta ghal Wesghet il-Knisja tan-Nativita'.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal applikazzjonijiet ghal zvilupp bin-numri PA/00207/18, PA/06561/18, PA/10501/17, PA/06266/18, PA/01026/17, PA/02501/18, PA/03135/18, PA/07311/17 u PA/02912/17.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tintalab laqgha lis-Sur Richard Bonello sabiex tigi diskussa nicca li kien hemm fi Triq l-Inkoronazzjoni.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'numru ta' kontravvenzjonijiet li kienu inhargu b'konnessjoni ma' progett ta' infurzar li kien qieghed jigi implimentat mill-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni tal-*Cleansing Services Directorate*. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-inizjativa kellha temporanjament tigi sospiza.
- Kien hemm qbil illi kellha tigi ccirkolata mal-Kunsilliera korrispondenza li kienet waslet minghand Wasteserv b'konnessjoni mal-Eurpean Week for

Waste Reduction

- Kien hemm qbil illi kemm il-darba jkun possibbli l-Kunsill Lokali kellu jissottometti ghal applikazzjoni b'konnessjoni ma' cirkulari numru SPI09/2018 li kiene tikkoncerna skema finanzjarja favur il-libreriji lokali/regjonali. Kemm il-darba ikun possibbli kellhom jigu installati airconditioner u sufan permezz tal-iskema msemmija.
- Kien hemm qbil illi ma kellha tinstab ebda oggezzjoni ghal talba li kien ircieva l-Kunsill Lokali sabiex jinghata access permezz ta' makkinarju lil sid ta' fond fi Sqaq San Lazzru. Kuntrarju ghal dak mitlub pero' l-access kellu jinghata minn Triq San Guzepp.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'email minghand l-Awtorita' tal-Ippjanar li permezz taghha gie mhabbar tibdil fis-sestena ta' kif kienu ser ikunu qieghdin isiru l-hlasijiet relatati mal-Urban Improvement Fund b'mod generiku
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jippartecipa fl-inizjativa Let's do it Malta – World Clean up Day li kien qieghed jigi propost li tittella' nhar il-15 ta' Settembru 2018.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jikkollabora mal-iskola primarja f'attivita' (car wash) li kienet qieghda tigi proposta li tittella' nhar l-10 ta' Awissu 2018.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat permezz ta' cirkulari 2018/085 li kienet inharget l-2021 European Green Capital Award Competition.
- Il-Kunsill Lokali qabel ma proposta ta' Mro. Etienne Spiteri, liema proposta kienet tinvolvi l-partecipazzjoni ta' banda f'Jum il-lokalita'. Fir-rigward, Mro. Spiteri emenda proposta li kienet intbaghtet orgininarjament u  kienu ser jintuzaw bandisti mil-lokalita' bil-ghan illi jigu limitati l-ispejjez.
- Kien hemm qbil illi kellha tintalab laqgha lis-Sur Josef Camilleri bil-ghan illi tigi diskussa f'aktar dettall attivita' li kien qieghed jigi propost li tittella' fil-lokalita'.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'korrispondenza li permezz taghha, l-Awtorita' tad-djar habbret li l-Kunsill Lokali ta' Bormla kien ser ikun qieghed jigi allokat €10 000 aktar mic-cifra originali b'konnessjoni mal-iskema ta' manutenzjoni tal-komun fil-binjiet tal-Gvern.

87.9.2 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport bi stimi ghal xiri ta' ghamara ghall-binja amministrativa. Fir-rigward, il-Kunsill Lokali gie infurmat li kienu ingabru stimi ghal ghamara fl-ufficini amministrativi tal-Kunsill Lokali. Wara li inghataw dettalji tal-istimi migbura, gie stabbilit illi l-Kunsill Lokali kellu jordna l-ghamara ghal spiza totali ta' €3790 minghand zewg mastrudaxxi.

**87.10 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

87.10.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-7:45 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar l-Erbgha 5 ta' Settembru 2018 fis-5:30p.m.

Konfermati, illum l-1 t'Awwissu, 2018

IFFIRMATA

___________________

**Alison Zerafa Civelli**

Sindku

IFFIRMATA

_______________________

**Duncan Hall**

Segretarju Eżekuttiv